MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2009

Numru 282/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Angelo Gafa')**
**vs**
**Pierre Saliba**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Pierre Saliba** ta' 29 sena, bin Joseph u Georgina *nee'* Magri, mwieled Pieta' fis-17 ta' Gunju 1979 residenti 33, Triq Maitland, Hamrun u detentur tal-karta ta' l-identita numru 296379M:

Talli f'dawn il-Gzejjer, fit-28 ta' Frar 2009, bhala ufficjal ipprova jikseb, min ghand xi persuna ghalih innifsu jew ghal xi persuna ohra tkun min tkun xi rigal jew kumpens sabiex jinfluwenza t-tmexxija jew ir-rizultat ta' xi loghba jew sport;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti tal-kawza u stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 3(2) u 9 tal-Kap 263 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-fedina penali nadifa tal-imputat;

Tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt Euro (E 500) u tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur mil-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkometti rejat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien sentejn mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza u stante li l-prosekuzzjoni ma kellhiex l-kunsens tal-avukat generali sabiex din il-kawza tkun trattata u deciz bil-procedura sommarja, tornda li dawn l-atti jintbaghtu lill-avukat generali fi zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------